# Animazzjoni - 1 Ħadd tal-Avvent (Sena Ċ)

**Dħul:**

Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tal-Ewwel Ħadd tal-Avvent. L-Avvent hu żmien ta' stennija u tħejjija spiritwali għall-miġja ta' Ġesù fostna. Il-Liturġija tal-lum titkellem dwar l-għerq ta' Ġesse li minnu kellu jitwieled il-Messija. Dan kollu wassal biex il-poplu Lhudi għex perjodu ta' stennija, liema stennija in-Nisrani huwa nkuraġġut jgħix f'dan iż-żmien tal-Avvent.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-qari tal-lum, Ġeremija jħabbar il-wegħda li Alla jagħmel mal-poplu tiegħu, li permezz tagħha jeħles lill-poplu mid-dnub filwaqt li jqawwi t-tama fost il-poplu ta' Iżrael. Huwa minħabba dan li n-Nisrani jrid jitħabat biex joqrob aktar lejn Alla. Ma rridux inħallu l-affarijiet ta' din id-dinja jikkundizzjonawna. Alla huwa dak li jista' jagħtina s-salvazzjoni u l-ħelsien veru, l-istess Alla li dalwaqt nerġgħu nfakkru t-twelid tiegħu fostna bħala bniedem bħalna.
Nisimgħu b'attenzjoni l-qari.

**Salm Responsorjali:** Lejk jien nerfa' ruħi, Mulej

**Offertorju:**

Bħala Nsara rridu dejjem naħdmu u nkunu lesti għat-tieni miġja ta' Ġesù fostna, b'mod partikulari f'dan iż-żmien tal-Avvent. Ejjew inressqu dawn l-offerti frott il-ħidmiet tagħna u magħhom nafdaw f'idejn Alla l-ħajja tagħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-Ewkaristija hija l-għajxien tan-Nisrani fejn Alla jagħżel li jsir ħaġa waħda magħna kull darba li aħna nirċevuh fil-qalb tagħna.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' ġabra u stennija għall-miġja tal-Mulej fostna, filwaqt li nkantaw flimkien.